MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2006

Numru. 1089/2004

**Il-Pulizija
(Sp. Daniel Zammit)**

**vs**

**Fiacal Mahouachi ta' 37 sena, iben Mahdi Ben Ali Salah u Ben Mashou Macuia Bent Jilani nee Amor Imwieled El Omrane, Tunezija fl-1 ta' Frar, 1967 u joqghod
14, Flat 5, Sqaq il-Bandolier, Zejtun detentur tal-karta tal-identita' bin-numru
369294 (M)**

**Illum 29 ta' Settembru, 2006.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Fiacal Mahouachi li gie akkuzat talli fit-8 ta' Dicembru, 2004 ghall-habta ta' 1.15 p.m. f'Tas-Sliema, ikkommetta serq ta' hadbag kontenenti zewg telefons cellulari, kartiera b'ghoxrin lira (Lm 20), diversi dokumenti u mazz cwievet, liema serq, li huwa kkwalifikat bil-vjolenza u l-valur li ma jeccedix l-elf lira, sar ghad-dannu ta' Alexia Maria Sultana minn Hal Safi,

U aktar talli fit-8 ta' Dicembru, 2004 u fil-jiem ta' wara, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg u cioe l-oggetti msemmi aktar il-fuq misurqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom,

Akkuzat aktar talli fit-8 ta' Dicembru, 2004 ghall-habta tas-1.15 p.m. f'Tas Sliema ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Alexia Maria Sultana skond ma iccertifika Dr T. Mizzi. MD tac-Centru tas-Sahha tal-Gzira.

Fl-ahhar nett akkuzat talli sar recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 30 ta' Gunju, 1995 , 20 ta' Jannar, 1998, 10 ta' Novembru, 2000, 28 ta' Marzu, 2001 u 10 ta' Gunju, 2003, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 14 ta' Mejju, 2003 u lliberat bil-kundizzjoni kontemplati fl-istess artikolu.

Rat li l-akkuzat wiegeb li ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji.

Rat f'dan ir-rigward il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li fis-seduta tal-20 ta' Mejju, 2005 l-akkuzat wiegeb li hu kien hati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' akkuza, pero' ma kienx qed jirregistra ammissjoni fuq it-tieni akkuza. Rat ukoll illi l-imputat baqa' jinsisti fuq l-ammissjoni tieghu wara li nghata d-debita zmien skond il-ligi.

Rat ukoll il-pre sentencing report redatt mill-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon. Bla tlaqliq din il-Qorti minn issa tiddikjara illi hija ferm favorevoli ghas-suggeriment ta' l-istess ufficjal tal-Probation li Mahouachi ghandu jbati piena karcerarja. Din il-Qorti qeghda tghidu anke tenut kont ta' l-istat tal-fedina penali tieghu. Taqbel ukoll li l-istess Fiacal Mahouachi ghandu jaghmel programm residenzjali.

Ghaldaqstant wara li rat l-artikolu 261, 262, 267, 276, 277, 279, 280, 49, 50 u 17 u 30 tal-Kapitlu 9 u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sentejn prigunerija.

Tirrakkomanda wkoll lid-Direttur tal-Habs illi Fiacal Mahouachi jinghata kull opportunita' li jibda programm fi hdan l-agenzija apposta kontra l-abbuz tad-droga.

Inoltre l-Qorti qed tillibera li Fiacal Mahouachi mit-tieni akkuza in kwantu din hija alternattiva ghall-ewwel akkuza gia ammessi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------